



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14065/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0312 (NLE)

EEE 26
RECH 445
FEROE 4

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra,
dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni¹ (il-“Ftehim”) ġie ffirmat mill-Unjoni fl-24 ta’ Mejju 2022 u ġie applikat b’mod proviżorju minn dik id-data f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/886².
- (2) L-Artikolu 14(1) tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat Konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet sabiex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim.
- (3) L-Artikolu 14(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-Regoli ta’ Proċedura tiegħu.
- (4) Fit-tieni laqgħa tiegħu li se ssir fit-tieni nofs tal-2023, il-Kumitat Konġunt mistenni jadotta deċiżjoni li tadotta r-Regoli ta’ Proċedura tiegħu.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu.
- (6) Għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta’ Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 154, 7.6.2022, p. 4.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/886 tas-16 ta’ Mejju 2022 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni (ĠU L 154, 7.6.2022, p. 1).

Artikolu 1

- (1) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropew fit-tieni laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.
- (2) Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu dwar korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill meta dawk il-bidliet ikunu indispensabbli biex il-Kumitat Konġunt ikun jista' jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
